MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2013

Numru. 1000/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR CARLOS CORDINA**

**VS**

**JOSEPH GRECH**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Grech, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 0445871 (M).

**Akkuzat talli:**

1. B’nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta` tharris ta` regolamenti, ikkaguna offizi ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Carmela Cassar, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 01951 (M), skond kif iccertifikat Dr. Mark Mifsud, Med. Reg. No. 5186 mill-isptar Mater Dei, u dan bi ksur ta` l-Artikolu 226 (a) ta` Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. Saq vettura DBY 379 b’manjiera bla kont, traskurata u perikoluza;

3. Finalment Joseph Grech gie akkuzat talli hu sar recidiv ai termini ta` l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b’diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

F’kaz ta` htija, il-prosekuzzjoni talbet li l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji tas-sewqan kollha tieghu.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u l-provi prodotta;

Wara li rat l-Artikoli indikati u cioe` Artikolu 226 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali;

Din il-Qorti qed issib lill-imputat hat ital-akkuzi dedotti kontra tieghu u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) xhur mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------